MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 294/2011

**Appell Nru: 294/2011**
**Il-Pulizija**
**Vs**
**Wessam Esouimani**

Illum, 18 t'April, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Wessam Esouimani detentur tal-karta ta' l-identita 32765A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Nhar it-`3 ta' Mejju, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Alexia Bonnici u/jew lil uliedu is-somma fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

sabet lil imsemmi imputat hati u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.
Rat ir-rikors tal-appellant Wessam Esourmani pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Lulju, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoak u tannulla s-sentenza appellata u b'hekk tillibera lill-appellanti minn l-akkuza dedotta kontra tieghu.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravju tal-appellant li huwa is-segwenti :
L-allegazzjoni hija l-manteniment li ma' thallasx skond l – akkuza huwa dak ta' xahar ta' Mejju, 2011. Issa d-digriet li jorbot huwa datat fl-20 jum tax-xahar li fih inghata d-digriet. Illi ghal finijiet penali dan ifisser li l-obbligu tal-hlas ta' manteniment sabiex jigi kkonsmat ir-reat f'kaz ta' non ossservanza tad-digriet jiskatta biss wara hmistax il-jum mid-data tal-20 jum ta' kull xahar. Ifisser dan li r-rapport fil-kaz odjern kellu jsir fl-4 ta' Gunju, 2011. Illi dana jinghad propju minhaba dak li hemm stipulat fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta jindika '.. bhala manteniment ghal dik il-persuna fi zmien hmistax il-jum li fih...' illi jekk wiehed jaqra ftit l-affidavits tal-pulizija li maghhom sar ir-rapport jirrizulta li r-rapport sar di fatt fil-jum tal-imputazzjoni u cioe` fit-13 ta' Mejju, 2011. Illi ghalhekk ir-rapport u l-azzjoni huma ghal kollox intempestivi u l-esponenti kellu jigi liberat minn l-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa missier naturali ta' wiehed mill-ulied illi ghandha l-parti leza Alexia Bonnici; illi huwa ghandu kontestazzjoni ghaddejja quddiem il-Qorti kompetenti dwar manteniment u l-kwistjoni tal-access u l-kura u kustodja peress illi qieghda jigi allega illi l-omm mhix persuna idonea illi trabbi l-ulied. Illi hemm allegazzjoni illi l-esponenti mhux qed ihallas manteniment ghall-wild tieghu u ghalhekk hargu l-akkuzi odjerni. Il-parti civili, però, ghandha l-konfort ta' digriet moghti fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) illi obbliga lill-appellant li jhallas manteniment bir-rata stabbilita fl-istess digriet. B'sentenza moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta'

Gunju tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Ikkunsidrat:

L-argument tal-appellant huwa illi gie akkuzat "talli fit-tlettax (13) ta' Mejju elfejn u hdax (2011) ..." ma hallasx lil Alexia Bonnici l-ammont ta' sittin lira (Lm60) fix-xahar kif stipulat bid-digriet fuq imsemmi tal-erbgha (4) ta' April tal-elfejn u hdax (2011). Argumenta illi l-ewwel skadenza fix-xahar ta' Mejju kellha ssir hmistax-il (15) gurnata wara l-erbgha (4) ta' Mejju u kwindi kellha ssir fis-sittax (16) ta' Mejju. Ghalhekk, peress illi l-akkuza kienet qieghda ssemmi d-data tat-tlettax (13) ta' Mejju, ma kinitx proponibbli bil-mod kif kienet u l-appellant messu gie illiberat mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Ir-rapport tal-parti leza ghamlitu fit-tlettax (13) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) u meta lahqet bdiet l-azzjoni fil-konfront tal-appellant il-hmistax-il (15) gurnata lahqu ghaddew u l-pagament baqa' ma sarx u ghadu ma sarx sal-lum. It-terminu ta' hmistax-il (15) jum stipulat fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jfisser xejn hlief li l-pulizija ma tkunx tista' tiehu azzjoni kontra dak li jkun qabel ma jkunu ghaddew dawk il-hmistax-il (15) gurnata. Anke jekk is-sentenza tal-Qorti tinghata fit-terminu ta' hmistax-il (15) gurnata, tfisser biss illi ma tistax tigi esegwita sakemm jghaddu dawk il-hmistax-il (15) gurnata. F'dan il-kaz is-sentenza li nghatat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011), ferm wara illi kien skada t-terminu msemmi fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9. Ma giex kontestat ghal dak li jirrigwarda l-mertu illi dakinhar tat-tlettax (13) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) u wara l-appellant kien moruz fil-hlas tal-manteniment lill-parti leza Alexia Bonnici. Ghalhekk, l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------